# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Gimgha, 14 ta' Lulju 2023

**Kawża Nru. 28**

**Rik. Nru. 376/2022 ISB**

**Mario Pace**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

***DAN HUWA PROVVEDIMENT MOGHTI FIL-MIFTUH DWAR JEKK GHANDHOMX JIGU KJAMATI IN KAWZA ANTHONY U EDNA KONJUGI MIZZI, WARA ILLI L-AVUKAT TAL-ISTAT ISSOLEVA DAN FL-EWWEL PARAGRAFU TAR-RISPOSTA TIEGHU TAT-28 TA' MARZU 2023***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors promotur ta' Mario Pace tat-13 ta' Lulju 2022;

Rat id-Digriet taghha tas-27 ta' Lulju 2022;

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat tat-28 ta' Marzu 2023;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma sal-llum;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet limitatament fir-rigward ta' dak hawnekk deciz illum;

Rat l-atti kollha u rat illi l-kawza thalliet ghall-llum sabiex jinghta dan il-provvediment fil-miftuh.

## Ikkunsidrat:

Illi bir-rikors tieghu, in succint, ir-rikorrent jaghmel referenza ghall-proceduri civili li huwa ghandu quddiem il-Qrati Civili (Rikors 143/13) u li permezz taghhom qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fejn huwa garanti bhala null u bla effett. Jghid illi kellu lil certu Walter Gialanze fuq il-lista ta' xhiedha tieghu u l-Qorti iddikjarat provi tar-rikorrent maghluqa fil-5 ta' Dicembru 2013 "*wara talba tal-konvenut Mizzi*".

Fuq talba tieghu, il-Qorti rrevokat contrario imperio dak id-digriet u ippreffiggiet terminu ta' 30 jum biex jressaq il-provi b'affidavit. Huwa pprezenta affidavit tieghu u b'nota indika lista' ta' xhiedha illi kien ser iressaq fis-seduta li kien imiss u talab l-awtorizazzjoni illi jressaqhom anke jekk ma kienux (eccetto Walter Gialanze) fuq il-lista tax-xhiedha. Il-Qorti cahdet dik it-talba.

Mitlub jappella, il-Qorti cahdet l-awtorizazzjoni ghal Appell minn dak id-digriet. Minkejja li sar tentattiv iehor illi jigi esebit affidavit ta' dan Walter Gialanze, il-Qorti cahdet it-talba u ghaddiet biex tat decizjoni fit-22 ta' Settembru 2021, li biha cahdet it-talbiet tar-rikorrenti Mario Pace. Sar appell minn dik id-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell u jirrizulta illi dan gie deciz fit-18 ta' Lulju 2022.

Ir-rikorrent jilmenta ukoll mill-operat tan-Nutar Pubbliku indikata u jghid illi din esponietu ghal responsabbilitajiet li kieku ma kienx ikun espost ghalihom.

Fid-dawl ta' dan huwa qed jitlob illi din il-Qorti ma thalliex illi huwa jsofri minn ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif mharsin bl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tiddikjara illi r-rigett tat-talba biex jithalla jixhed xhud identifikat fil-lista tax-xhiedha tikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet tieghu ghal smiegh xieraq u dritt ghal rimedju effettiv.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Avukat tal-Istat intimat jghid fl-ewwel paragrafu tar-rikors tieghu illi peress illi qed jintalab illi jinghata rimedju effettiv li jista' jolqot stat bejn ir-rikorrenti u l-konvenuti fil-kawza li huwa kellu maghhom, Anthony u Edna konjugi Mizzi, allur ajkun opportun illi l-imsemmija konjugi Mizzi jigu msejjha fil-kawza.

Illi dan il-provvediment jittratta u jiddeciedi appuntu dan.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi hadd mill-partijiet ma' talab l-allegazzjoni tal-process intier 143/2013JRM alemnu f'dan l-istadju tal-proceduri.

Illi b'dana kollu, mill-atti, anke ghaliex tinsab esebita kopja tas-sentenza definittiva ghall-proceduri msemmija kif moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2022, jirrizulta illi l-kawza intavolata mir-rikorrent Mario Pace intilfet minnhu fl-ewwel istanza b'sentenza tat-22 ta' Settembru 2021 u rega' tilef l-appell minnhu mressaq meta fit-18 ta' Lulju 2022 il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell mressaq minn Mario Pace.

Il-Qorti rat u nnotat illi dawk il-proceduri, in kwantu kienu jittrattaw it-talbiet ghar-rexxissjoni ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, saru kontra l-konjugi Mizzi. Naturalment, in kwantu illi r-rikorrenti kien garanti fuq dak il-kuntratt, huwa legittimament harrek ukoll lid-debitur principali Terence Gialanze, u dan ghamlu sabiex ikollu gudizzju integru.

Il-Qorti tinnota ukoll dak dikjarat mir-rikorrent stess fir-rikors promotur tieghu, ossia illi l-Ewwel Qorti kienet ddikjarat provi maghluqa "*wara talba tal-konvenuti Mizzi*". Ghalhekk hu stess qieghed jinvoka l-intervent dirett u espress tal-konjugi Mizzi li permezz tieghu nghata bidu ghall-problema illi kellu r-rikorrenti biex iressaq provi oltre` dak li gja kien ressaq sa dak in-nhar.

Ulterjorment tinnota illi dak li qieghed jintalab mir-rikorrent huwa illi din il-Qorti tiddikjara illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet mressqa minnhu jikkonstitwixxu lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu ghal rimedju effettiv. Il-Qorti thoss illi huwa pacifiku jinghad illi r-rimedju effettiv illi kien u qieghed ifittex ir-rikorrent huwa fil-konfront tal-konjugi Mizzi msemmija.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fit-trattazzjoni taghha, l-abbli difensur tal-Avukat tal-Istat ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-10 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Anna Vassallo gja Spiteri vs Avukat tal-Istat**[1], fejn il-Qorti Kostituzzjonali hemmek irrimarkat hekk:

> *Ikun floku li l-ewwel Qorti tikkonsidra huwiex floku li jissejjaħ fil-kawża Dr. Mario Spiteri ġaladarba hu parti fil-kawża 35/2017 li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Familja.*

Illi din il-Qorti tifhem car id-direzzjoni li kienet hemmek qeghda taghti l-Qorti Kostituzzjonali u tqis illi dan huwa ugwalment applikabbli ghal kaz odjern.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi qieset il-fatti illi ghandha quddiemha sa issa u c-cirkostanzi kollha, u wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, thoss illi huwa f'loku illi tilqa' dak dikjarat fl-ewwel paragrafu tar-Risposta tal-Avukat tal-Istat tat-28 ta' Marzu 2023 u **<u>tordna</u>** illi, a spejjes tar-rikorrent, jissejjhu fil-kawza odjerna l-konjugi **Anthony u Edna Mizzi** li kienu konvenuti fil-kawza 143/2013JRM.

**Moghti fil-miftuh waqt is-seduta tal-llum il-Gimgha, 14 ta' Lulju 2023.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Onor. Imhallef** | **Deputat Registratur** |

---

[1] *454/2021/1 ISB*